*polza tal-assikurazzjoni maħruġa minn soċjetà assikuratriċi permezz tal-aġenta tagħha – ir-relazzjoni kuntrattwali hija bejn l-assikurat u s-soċjetà assikuratriċi u għalhekk kwalunkwe obbligazzjoni li toħroġ mill-polza għandha tinġarr mis-soċjetà assikuratriċi u mhux mill-aġenta tagħha – l-aġenta mhix leġittimu kontradittur*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-23 ta' April, 2021

Appell Inferjuri Numru 65/2019 LM

**Geoffrey Aquilina bin-numru tal-Karta tal-Identità 0455467(M)**
*("l-appellant")*

***vs*.**

**Bonnici Insurance Agency Limited (C 8614)**
*("l-appellata")*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Geoffrey Aquilina (K.I. numru 0455467M)** [minn issa 'l quddiem "l-appellant"] mid-deċiżjoni tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji [minn issa 'l quddiem "l-Arbitru"] fid-9 ta' Lulju, 2019, [minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni appellata"], li permezz tagħha ddeċieda li jilqa' l-

ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà intimata **Bonnici Insurance Agency Limited (C 8614)**, [minn issa 'l quddiem "is-soċjetà appellata"], u lliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju, filwaqt li ddeċieda li kull parti għandha tħallas l-ispejjeż tagħha peress li ċaħad it-tieni eċċezzjoni tagħha.

## Fatti

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw polza ta' assikurazzjoni li nħarġet lill-appellant mis-soċjetà Mapfre Middlesea p.l.c. [minn issa 'l quddiem "is-soċjetà assikuratriċi"] permezz tal-aġent tagħha s-soċjetà appellata, sabiex tkopri l-vettura proprjetà tiegħu tal-għamla *BMW u* li għandha numru ta' reġistrazzjoni CBZ 847 [minn issa 'l quddiem "il-vettura"]. Din il-vettura kienet sussegwentement insterqet xi ftit xhur wara li nħarġet il-polza tal-assikurazzjoni, u l-appellant kien ippreżenta *claim* jew talba mas-soċjetà appellata sabiex huwa jitħallas il-valur tagħha kif miftiehem fl-imsemmija polza. Iżda din laqgħet billi rrilevat li meta kienet qiegħda ssir il-*proposal form* għall-eventwali ħruġ tal-polza, kemm hu u anki t-tifel tiegħu Karl Aquilina kienu naqsu milli jiddikjaraw li huma kien għamlu diversi *claims* bejniethom fl-aħħar ħames snin. Fid-dawl ta' dan in-nuqqas u ta' dak li kienet tipprovdi l-polza, ġiet miċħuda t-talba għall-ħlas tal-valur tal-vettura.

## Mertu

3. L-appellant ippreżenta lment quddiem l-Arbitru fid-9 ta' Mejju, 2018, fejn ippremetta li kienet insterqitlu l-vettura tiegħu filwaqt li kienet koperta minn polza ta' assikurazzjoni maħruġa mis-soċjetà appellata bħala aġent tas-

soċjetà assikuratriċi, b'dana li l-imsemmija soċjetà appellata kienet infurmatu li huwa ma kienx ser jirċievi kumpens tal-prezz tagħha. B'hekk talab lill-Arbitru sabiex jiddeċiedi li s-soċjetà appellata kienet marbuta li tonora l-polza ta' assikurazzjoni billi tħallsu l-valur li fuqu kienet assikurata l-vettura fl-ammont ta' €11,800.

4. Is-soċjetà appellata wieġbet fit-8 ta' Ġunju, 2018, billi eċċepiet preliminarjament li hija kienet taġixxi biss f'isem u għan-nom tas-soċjetà assikuratriċi. Fit-tieni lok, eċċepiet in-nuqqas ta' kompetenza tal-Arbitru, u fil-mertu qalet li peress li l-appellant kien naqas milli jagħti l-informazzjoni kollha meħtieġa mill-*proposal form,* il-kuntratt ta' assikurazzjoni kien null *ab initio* u hija ma setgħetx tiġi kkundannata li tagħmel tajjeb għad-danni pretiżi mill-appellant.

## **<u>Id-deċiżjoni appellata</u>**

5. L-Arbitru ikkonsidra dan li ġej rilevanti għall-appell odjern:

***"L-Ewwel Eċċezzjoni***

*Fl-ewwel eċċezzjoni l-provditur tas-servizz jgħid li hu ma kienx qed jiġġestixi n-negozju f'ismu, iżda kien qed jaġixxi biss bħala aġent tas-soċjetà* Mapfre Middlesea p.l.c.

*Dwar dan m'hemmx kontestazzjoni għaliex anke fl-ilment, l-ilmentatur jindika lil* Bonnici Insurance *bħala* 'Agency' *u fil-*bracket *għamel (aġenti għal* Mapfre Middlesea) *(fn. 1 A fol. 3)*

*Barra minn hekk, fix-xhieda tiegħu quddiem l-Arbitru, (fn. 2 A* fol. *56) John Bonnici, xehed li huma kienu aġenti ta'* Mapfre Middlesea.

*Filwaqt li fil-bidu bdew jaraw il-*claim:

'Ftit wara li daħlet il-*claim*, Mapfre ġibdulna l-attenzjoni li kemm l-assigurat, Geoffrey Aquilina, u n-*named driver*, ibnu, Karl Aquilina kellhom ċertu ammont ta' *claims* preċedenti. Aħna l-istruzzjonijiet jekk nilqgħux *claim* jew le jagħtuhomlna l-Mapfre ...' *(fn. 3* Ibid.)

*Jgħid ukoll li kienu l-*Mapfre *li qalulhom li kien hemm għaxar* claims *preċedenti li ma ġewx imsemmija mill-ilmentatur jew ibnu fil-*Proposal Form.

*Minn dan kollu jirriżulta li* Bonnici Insurance Agency Ltd *kienu qed jaġixxu biss bħala aġenti tal-*Mapfre Middlesea.

*Għalhekk l-Arbitru jrid jara din l-eċċezzjoni fil-kuntest ta' dak li tgħid il-ġurisprudenza tagħna dwar l-obbligi ta' aġent ta' assikurazzjoni jew in-nuqqas tagħhom meta huma jkunu qed jaġixxu għall-*underwriter.

*Fis-sentenza fl-ismijiet* **Maltitraco Ltd vs Fortress Insurance Agency Ltd et,** *(fn. 4 QA (Inf) per Imħ. Ph. Sciberras, 11/01/2006) il-Qorti tal-Appell qalet dan li ġej:* ***QA (Inf.) P. Sciberras, 11/01/2006***

'Għar-rigward tal-Fortress, din kienet qed taġixxi bħala aġent tal-prinċipal tagħha – Middlesea Insurance p.l.c. Fil-kamp tal-assigurazzjoni huwa stabbilit illi aġent bħalma kienet il-Fortress, taġixxi għan-nom u fl-interess tal-assigurazzjoni prinċipali u dment li ma ġiex ippruvat illi l-istess aġent ikun ħareġ barra mill-mansjonijiet ossija mill-*vires* lilu mogħti mill-prinċipal tiegħu, huwa dejjem il-prinċipal li għandu jwieġeb.'

*F'sentenza oħra fl-ismijiet* **Lawrence Azzopardi et noe vs Joseph Muscat et nomine et**, *(fn. 5 PA 7/10/1997) meta l-Qorti għamlet referenza għal min ikun qed jagħmilha ta' aġent qalet li bħala aġent:*

'l-atti kollha magħmulin minn rappreżentant għall-Prinċipal fil-limiti tas-setgħat tiegħu ... iġibu direttament l-effett tagħhom favur jew kontra l-prinċipal'.

*Din is-sentenza ġiet ikkwotata wkoll fis-sentenza fl-ismijiet:* **Raymond Borg vs Fogg Ltd għan-nom u in rappreżentanza ta' Avon Insurance p.l.c. (PA 30/10/2003).**

*Għalhekk jidher ċar li meta kumpannija qiegħda taġixxi ta' aġent m'għandhiex ir-responsabbiltà li twieġeb hi u tħallas il-*claim, *iżda huwa l-prinċipal (l-*underwriter) *li għandu jħallas f'każ li tirnexxi l-*claim.

*Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell 'il fuq imsemmija, il-Qorti tgħid li sakemm l-aġent ma jkunx qabeż il-'*vires' *tiegħu huwa l-prinċipal li għandu jwieġeb.*

*Ma ġie bl-ebda mod ippruvat li l-provditur tas-servizz kien qed jaġixxi barra mil-limiti tad-dover tiegħu, u jidher bl-aktar mod ċar li hu kien qed jaġixxi ta' aġent u mhux ta'* underwriter.

*Dan jirriżulta wkoll mid-dokumenti esebiti.*

*Fl-ittra tal-14 ta' Diċembru 2017, il-provditur tas-servizz għamilha ċara mal-ilmentatur li hu kien qed jaġixxi ta' aġent għax qallu:*

'Our principals, Mapfre Middlesea, have informed us that both you and Karl Aquilina had lodged numerous claims during the past 5 years.' (*fn. 6 A* fol. *8)*

*Kemm meta kien inxurjat mill-*Untours, *(fn. 7 A* fol. *19,21) kif ukoll meta kien inxurjat permezz ta'* Bonnici Insurance Agency Ltd, *(fn. 8 A* fol. *8) jidher ċar mil-*letterheads *li dawn kienu qed jaġixxu bħala aġenti tal-*Mapfre Middlesea.

*Il-*Proposal Form *tidher kjarament li hija maħruġa mill-*Mapfre Middlesea. *(fn. 9 A* fol. *33) Anke il-*Motor Insurance Claim Form *(fn. 10 A* fol. *59) hija waħda tal-*Mapfre Middlesea.

*Għalhekk jidher ċar li l-*claim *saret mal-*Mapfre Middlesea *u mhux ma'* Bonnici Insurance Agency Ltd.

*Ir-relazzjoni kuntrattwali kienet bejn l-ilmentatur u l-assikuratur* Mapfre Middlesea p.l.c. *u, għalhekk, kwalunkwe obbligazzjoni li toħroġ mill-polza għandha tinġarr mill-assikuratur u mhux mill-aġent tiegħu.*

*Dan ġie anke kkonfermat fis-senenza fl-ismijiet:* **Michael Bertuello vs Victor Cordina pro et noe et *deċiża mill-Onor Qorti tal-Appell fil-11 ta' Lulju, 1994,*** *fejn ingħad:*

'Mill-provi jirriżulta li din is-soċjetà ma tassikurax hi iżda taġixxi bħala aġent tas-soċjetà estera Black Sea and Baltic General Insurance Company Limited.

Jekk il-konvenut Victor Cordina ma aġixxiex personalment, iżda aġixxa f'isem is-soċjetà konvenuta, similment, din is-soċjetà ma aġixxietx bħala soċjetà proprju iżda f'isem is-soċjetà assikuratriċi estera imsemmija li tagħha hija l-aġent f'Malta iżda li se mai din titħarrek bħala aġent **tas-soċjetà assikuratriċi estera li ultimament hija dejjem responsabbli għal dak li ġie kontrattat għan-nom tagħha mis-soċjetà konvenuta.'** *(fn. 11 Enfasi tal-Arbitru).*

*Barra minn hekk, il-provditur tas-servizz għamilha ċara fir-risposta tiegħu li hu kien qed jaġixxi bħala aġent tal-*Mapfre Middlesea *u, għalhekk, l-ilmentatur seta' faċilment jikkjama fil-każ lill-*underwriter, *ħaġa li proċeduralmet setgħet issir."*

**L-Appell**

6. L-appellant ħass ruħu aggravat bid-deċiżjoni appellata tal-Arbitru, u fid-29 ta' Lulju, 2019 intavola appell fejn qed jitlob lil din il-Qorti:

> *"...tvarja s-sentenza premessa u dan billi filwaqt li tikkonferma li l-Arbitru kellu l-ġurisdizzjoni jisma' l-każ odjern, tħassarha u tirrevokha mill-bqija, issib li s-soċjetà appellata Bonnici Insurance Agency Limited (C8614) kienet responsabbli lejn il-konsumatur appellanti għas-servizzi mogħtija lilha u (a) jew tilqa' t-talbiet kollha attriċi u tikkundanna l-istess soċjetà appellata Bonnici Insurance Agency Limited tħallas is-somma ta' 11,800 Euro danni sofferi mill-esponenti bl-ispejjeż għas-soċjetà appellata; (b) jew tibgħat l-atti lura għand l-Arbitru sabiex il-mertu jiġi deċiż skont il-liġi bil-benefiċċju tad-*doppio esame *għall-partijiet, u dan salv kull provvediment iehor xieraq u opportun.*

L-appellant qed iressaq dawn iż-żewġ aggravji: (a) is-soċjetà appellata kienet qiegħda tagħti servizz; u (b) is-soċjetà appellata ma setgħetx tkun aġent tal-appellant u anki aġent tas-soċjetà assikuratriċi.

7. Is-soċjetà appellata wieġbet fis-6 t'Awwissu, 2019 fejn issottomettiet li din il-Qorti għandha tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha, għaliex din kienet waħda ġusta.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellant, u dan fid-dawl tar-risposta intavolata mis-soċjetà appellata u tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Arbitru fid-deċiżjoni appellata.

9. L-argument prinċipali tal-appellant huwa li kuntrarjament għal dak li kkonstata l-Arbitru fid-deċiżjoni appellata li kienet is-soċjetà assikuratriċi li kienet responsabbli għas-servizz, għandu jirriżulta li kienet proprju s-soċjetà appellata li kienet irrendiet servizz meta saret l-applikazzjoni għall-assikurazzjoni u nħarġet l-istess. Ikompli jsostni li jekk imbagħad sar żball fil-*proposal form* li hija kienet ħejjiet, kienet proprju s-soċjetà appellanta responsabbli sabiex tagħtih rimedju. Jgħid li kien evidenti li fil-każ odjern huwa kien safa vittma ta' "*prattiċi ħżiena*".

10. Is-soċjetà appellata tikkontesta dan kollu filwaqt li ssostni li meta nħarġet il-polza ta' assigurazzjoni favur l-appellant, hija kienet aġixxiet bħala aġent u in rappreżentanza tas-soċjetà assikuratrici. B'hekk ir-relazzjoni kuntrattwali kienet bejn l-appellant u s-soċjetà assikuratrici u kull obligazzjoni li toħroġ mill-polza kellha tinġarr minnha u mhux mis-soċjetà appellata. Tissottometti li ġaladarba l-qafas tal-azzjoni tal-appellant hija l-polza ta' assigurazzjoni, l-azzjoni tiegħu setgħet tirnexxi biss kontra s-soċjetà assikuratriċi u mhux kontra l-aġent tagħha. Is-soċjetà appellata tirrileva li madankollu l-Arbitru ma kienx stħarreġ il-mertu u għalhekk lanqas m'għandu jiġi mistħarreġ hawnhekk fl-istadju ta' reviżjoni.

11. Il-Qorti tgħid li sewwa tosserva s-soċjetà appellata li l-Arbitru fl-ebda ħin ma stħarreġ u ddeċieda l-mertu, u dan proprju għaliex huwa kkonsidra l-ewwel eċċezzjoni tagħha u mill-ewwel iddikjara fis-sentenza appellata li hija kienet qiegħda tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju. L-Arbitru rrileva li ma kienx hemm kontestazzjoni dwar il-fatt li s-soċjetà appellanta kienet aġixxiet bħala aġent tas-soċjetà assikuratriċi għaliex anki l-appellant kien indika dan fl-ilment

tiegħu. L-Arbitru kkonstata wkoll li r-relazzjoni kuntrattwali kienet bejn l-appellant u l-imsemmija soċjetà assikuratriċi. Imma fir-rikors tal-appell tiegħu l-appellant jgħid li l-Arbitru sab li kienet is-soċjetà assikuratriċi responsabbli għas-servizz u għalhekk iddeċieda li l-kawża saret ħażin inkwantu ma kinitx diretta lejn din is-soċjetà. L-appellant ikompli jgħid li fil-fatt għandu jirriżulta li kienet is-soċjetà appellata li rendiet servizz li permezz tiegħu saret u nħarġet l-applikazzjoni għall-assikurazzjoni. Il-Qorti tagħraf li hawn l-appellant qed jittenta jsalva l-azzjoni tiegħu għaliex mill-mod li ġie ppreżentat l-ilment tiegħu, jidher biċ-ċar li l-ilment tiegħu ma kienx dwar l-allegat servizz mogħti lilu iżda kien imsejjes fuq ksur ta' obbligu kuntrattwali. L-ilment tiegħu kif imressaq huwa fir-rigward tar-rifjut tas-soċjetà appellata li tħallsu l-valur tal-vettura tiegħu wara li din kienet insterqet, u dan filwaqt li kienet ilha inxurjata mal-imsemmija soċjetà appellata għal dawk l-aħħar seba' xhur.

12. Il-Qorti tagħraf li permezz tal-ilment tiegħu, l-appellant stabbilixxa l-parametri tal-proċeduri li intavola, u għalhekk ma jistax illum fl-istadju ta' appell jgħid li l-ilment tiegħu huwa wieħed imsejjes fuq servizz li allegatament ingħata ħażin mis-soċjetà appellata. Jekk li qed jgħid l-appellant kellu jiġi kkunsidrat minn din il-Qorti, jiġi mċaħħad id-dritt tas-soċjetà appellata għal doppju eżami tal-vertenza, filwaqt li d-deċiżjoni finali tkun *ultra petita*. Jiġi osservat ukoll li t-talba tiegħu saħansitra tirrifletti l-premessi tal-ilment għaliex din mhijiex waħda għad-danni, iżda sabiex is-soċjetà appellata tonora l-kuntratt ta' assikurazzjoni u jitħallas il-valur li fuqu kienet inxurjata l-vettura. L-azzjoni tiegħu aktar tidher li hija msejsa fuq relazzjoni kuntrattwali u hawnhekk l-Arbitru sewwa rrileva li r-relazzjoni kuntrattwali kienet bejn l-

appellant u bejn is-soċjetà assikuratriċi, filwaqt li s-soċjetà appellata kienet dehret bħala aġent tas-soċjetà assikuratriċi. Għalhekk il-Qorti tikkonsidra li d-deċiżjoni appellata hija waħda tajba u m'għandhiex titħassar.

13. Għaldaqstant din il-Qorti, filwaqt li tgħid li ma ssibx dan l-aggravju tal-appellant ġustifikat, tirrileva li l-kumplament tal-aggravji tiegħu jirrigwardaw il-mertu tal-vertenza u stante li l-Arbitru ma għaddiex sabiex jikkonsidra u jiddeċiedi l-mertu, hija qiegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-bqija tal-appell.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż marbuta mad-deċiżjoni appellata għandhom jibqgħu kif deċiżi u l-ispejjeż tal-appell odjern għandhom ikunu a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**